# Politika Barranija
# u ta' Sigurta` Komuni

Il-Grupp Parlamentari
tal-Partit
tas-Soċjalisti Ewropej

L-Unjoni Ewropea tfittex li tippromwovi s-sigurta`, il-paċi, il-kooperazzjoni internazzjonali, id-demokrazija u d-drittijiet umani. Il-pajjiżi fi ħdan l-Unjoni Ewropea jiddjalogaw ma' xulxin u jikkooperaw ħalli jsolvu l-problemi internazzjonali.



Biex tinforma ruħek dwar il-ħidma tas-Soċjalisti Ewropej fil-qasam tal-Politika Barranija u ta' Sigurta` Komuni, jekk jogħġbok żur dawn il-websites:
↓

**Grupp PES:**
**http://www.socialistgroup.org**
**PES:**
**http://www.pes.org**






**Kuntatti**
Il-Grupp Parlamentari
tal-Partit tas-Soċjalisti Ewropej,
Parlament Ewropew, Rue Wiertz, B-1047 Brussell
Tel.: +32 2 284 14 40
E-Mail: peswbprogramme@europarl.eu.int



CFSP - MT
Resp. editor: Christine Verger, PES Group, Wiertz Str., B-1047 Brussels
Design/production: Mostra Communication







**L-Unjoni Ewropea**
↓
## Insaħħu s-Sigurta`

Fl-1999 ġew imfissra l-għanijiet tal-Politika Barranija u ta' Sigurta` Komuni:

- Inħarsu l-valuri komuni bħal paċi, id-demokrazija, is-saltna tal-liġi u d-drittijiet umani.
- Insaħħu b'kull mod is-sigurta` ta' l-Unjoni Ewropea.
- Inżommu l-paċi u nsaħħu s-sigurta` internazzjonali.
- Nippromwu l-kooperazzjoni internazzjonali.
- Insaħħu d-demokrazija, ir-rispett lejn id-drittijiet umani u l-liberta`.

Il-gvernijiet u l-ministri barranin tal-pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea jiddeċiedu l-prijoritajiet u l-għanijiet ewlenin tal-Politika Barranija u ta' Sigurta` Komuni.

L-Unjoni Ewropea tappunta Rappreżentant Għoli f'oqsma ta' kriżi u kunflitt sabiex tieħu rwol attiv ħalli jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi li jkunu nqalgħu.

L-Unjoni Ewropea ntrabtet li timplimenta l-Politika Ewropea ta' Sigurta` u Difiża li tinkludi l-ħwejjeġ kollha relatati mas-sigurta` tagħha, bħal ngħidu aħna l-politika ta' difiża komuni. L-Unjoni Ewropea saħħet il-Politika Ewropea ta' Sigurta` u Difiża permezz ta' l-għajnuna umanitarja, is-salvataġġ f'każijiet ta' emerġenza u ż-żamma tal-paċi.

**Is-Soċjalisti Ewropej**
↓
## Nilqgħu minn qabel għall-konflitti

Għas-Soċjalisti Ewropej l-aktar prijorita` importanti hi li nilqgħu minn qabel għall-konflitti u dan jista' jsir permezz ta' kooperazzjoni ekonomika, assistenza umanitarja u għajnuna biex jinbena mill-ġdid dak li jkun tfarrak.

Is-Soċjalisti Ewropej iqisu l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija bħala waħda mill-prijoritajiet ewlenin fix-xogħol parlamentari.

Is-Soċjalisti Ewropej jappoġġjaw bis-sħiħ kull inizjattiva ta' diżarm għax dan ikun ifisser it-tmiem tat-theddid nukleari.

Is-Soċjalisti Ewropej qed jiġġieldu wkoll biex jeliminaw ir-riskji li jġibu magħhom it-tkattir tal-mini, l-armamenti żgħar, it-teknoloġija tal-missili ballistiċi u l-armamenti kimiċi u bijoloġiċi.

**Il-Vantaġġi għaż-żmien li ġej**
↓
## Atturi B'Saħħitna fil-Qasam Internazzjonali

Unjoni Ewropea b'iktar pajjiżi fi ħdanha ser tippromwovi l-paċi, id-demokrazija, il-kooperazzjoni internazzjonali, u d-drittijiet umani.

Hemm ukoll il-bżonn ta' Politika Barranija Komuni sabiex niġġieldu t-theddid modern bħat-terroriżmu u t-tkattir ta' l-armi tal-qirda tal-massa. Dawn huma problemi li s-soluzzjoni għalihom tinstab biss f'ħidma kollettiva.

Ħafna mid-deċiżjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-politika barranija jittieħdu unanimament mill-kapijiet tal-gvernijiet ta' kull Stat Membru fl-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li deċiżjoni tkun tista' tittieħed biss jekk ikollha l-appoġġ tal-pajjiżi kollha, irrispettivament mid-daqs. Din hija regola li ser tibqa' tapplika f'Unjoni Ewropea li qed tilqa' fi ħdanha aktar pajjiżi.

B'dan il-mod, il-pajjiżi fi ħdan l-Unjoni Ewropea jaħdmu flimkien ħalli jissalvagwardjaw u jippromwovu l-valuri tagħhom fil-qafas internazzjonali.



